KUNSILL LOKALI

KALKARA

LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## It-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 9/24

11 ta' Ġunju 2024

Il-Kunsilli Lokali Kalkara Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 12, Binja tas-Salvatur, Wesgħet l-10 ta' Diċembru, 1897 fl-4 ta' wara nofsinhar.

## PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Wayne Aquilina | - Sindku |
| Vincent Bongailas | - Viċi-Sindku |
| Maria Sultana | - Kunsilliera |
| Speranza Chircop | - Kunsilliera |
| Christopher Bruno | - Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**

Ma kienx hemm.

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Etienne Scicluna – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa.

**9.24.1 <u>Qari ta' Ittri ta' Apoloġija</u>**

8.24.1.1 Ma kienx hemm.

**9.24.2 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Minuti</u>**

8.24.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 8.24 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

9.24.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni mis-Sa Maria Sultana u sekondati mis-Sa Vincent Bongailas l-minuti ta' seduta 8.24 ġew approvati unanimament.

Is-Sindku u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokumenti korretti.

**9.24.2.3 <u>Punti mill-Minuti Preċedenti</u>**

Bħalissa l-Kunsill Lokali jinsab fi żmien tranżitorju qabel ma joħroġ uffiċjalment ir-riżultat elettorali tal-Kusilli Lokali. Madanakollu huwa mportanti li l-Kunsill Lokali attwali jibqa' jiffunzjoni u jkompli bl-impenn tiegħu sat-30 ta' Ġunju 2024, tmiem il-leġislatura.

4.24.4.2 **Il-Proġett fi Triq ix-Xewkija u ż-Żona tax-Xewkija, Kalkara**

Is-Sindku spjega li fil-ġranet li ġejjin, il-Kunsill Lokali ser jibda jilqa' sottomissjonijiet għal dawn is-sidien interessati li jżommu d-dgħajsa tagħhom fiż-żona tax-Xewkija, żona li ser tiġi amministrata mill-Kunsill Lokali. Filfattemp, il-Kunsil Lokali ser jikkomunika mall-pubbliku permezz tal-mezzi soċjali u meżżi oħra neċessarji sabiex jinforma l-pubbliku dwar dan.

5.24.4.2 **30 Sena Anniversarju minn meta ġie elett l-Ewwel Kunsill Lokali**

Is-Sindku esprima s-sodisfazzjon tiegħu flimkien mal-Kunsilliera dwar is-serata tat-30 Sena Anniversarju minn meta ġiet elett l-Ewwel Kunsill Lokali. Huwa kompla jgħid li s-serata kienet pjuttost sempliċi u sabiħa fl-istess ħin u li matulha ġew rringrazzjati dawk is-Sindki, il-Kunsilliera u s-Segretarji Eżekuttivi li servew fil-Kunsill Lokali tul l-aħħar 30 sena. Bħala tifkira, ġew mogħtija *token* u twaħħlet plakka bl-ismijiet tagħhom ġewwa l-Kunsill Lokali.

6.24.5.2 **Memorandum of Undersanding dwar is-Servizz tal-knis tat-toroq**

Fil-31 ta' Mejju ġie ffirmat ftehim għall-ħames snin bejn il-Direttorat Clean Malta u l-Kunsill Lokali dwar is-servizz tal-knis ta' toroq ġewwa l-Kalkara. Kif jista' jiġi nnotat, is-Sindku qal li llum il-ġurnata t-toroq jinsabu aktar nodfa minn qatt qabel.

8.24..4.1 **Ingawurazzjoni tax-Xatt u l-manutenzjoni tiegħu**

Issa wasal iż-żmien fejn il-Kunsill Lokali ġdid jimbarka fuq l-isfida ġdida, dik li titratta l-manutenzjoni u ż-żamma tax-Xatt tal-Kalkara. Il-Kunsill Lokali attwali iddeterminat li jibqa' jaħdem sal-aħħar tal-leġislatura. Bħalissa il-Kunsill Lokali qiegħed jistenna l-ftehim mingħand l-awtoritajiet kkonċernati biex jikteb l-informazzjoni dwar l-arranġamenti li hemm mal-kuntratturi li jinkludu t-termini u kundizzjonijiet eżistenti li hemm bejn l-entitajiet u l-kuntratturi. Dan ifisser li l-Kunsill Lokali ser ikollu aktar obbligi u spejjes meta dan ftehim bida jiġi amministrat mill-istess Kunsill.

Is-Sindku tkellem dwar il-ħtieġa taż-żamma tal-buon ordni għax ta' spiss qed ikun hemm vandaliżmu. Il-piż kollu tax-xatt qed jintrefa' mill-Kunsill Lokali għajr il-ġbir ta' skart u t-tisqija tas-siġar u pjanti. Għalhekk huwa ferm importanti li jidħol fis-seħħ dak li ġie diskuss u maqbil fil-laqgħa preċedenti.

8.24.4.3 **Il-Bajja tar-Rnella matul is-Sajf**

Matul il-gimghat li ġejjin ser jittella' sensiela ta' logħob tan-nar provdut mill-entita' Valletta Pageant of the Seas. Filwaqt li attivitajiet bħal dawn joffri divertiment liċ-ċittadini, min-naħa l-oħra joħolqu nkonvenjent lir-residenti Kalkariżi minħabba li dawn l-avventiment joħolqu nkonvenjent u jillimitaw l-użu tal-Bajja tar-Rinella. B'hekk intalbet donazzjoni ta' € 750 mingħand din l-entita` u li biha l-Kunsill Lokali jkun jista' jikkontribwixxi aktar lejn il-kommunita`.

Fuq nota differenti, is-Sindku tkellem dwar il-proposta tat-*traffic management* ta' Dawret il-Bajja li kienet ġiet diskussa fil-laqgħa preċedenti.

**9.24.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

9.24.4.1 **Il-Servizz u l-Kuntratt tal-Knis Mogħti mill-Kuntrattur**

Is-Sindku spjega li fil-mument, il-Kunsill Lokali għandu għad-dispożizzjoni tiegħu tlett kenniesa, wieħed provdut minn kuntrattur b'sejħa għall-kwotazzjoni u tnejn oħra provduti minn Clean Malta wara li ġie ffimat MoU ma' Clean Malta. Minħabba l-isfidi ta' matul is-Sajf kif ukoll dawk allaċjati mal-festa tal-lokali, is-Sindku wera l-importanza li jiġi eżawrit is-sejħa ta' kwotazzjoni biex ikun ta' kontribut mal-ħaddiema ta' Clean Malta u l-lokalita` tibqa' miżmuma nadifa.

Is-Sindku fakkar li s-sejħa għall-kwotazzjoni kienet intrebħet minn żewġ kuntratturi. Is-servizz tal-ewwel kuntrattur ġie eżwrit u tħallas l-ammont dovut.

9.24.4.2 **Tabella li hemm ftit qabel il-ħanut tat-Take Away**

Is-Sindku qajjem l-punt dwar it-tabella li hemm ftit qabel it-Take Away li tinsab 'il fuq mill-ispiżerija u li l-vetturi li ġejjin minn din it-triq ma jistgħux jiksru lejn it-triq li tagħti għall-Esplora. Is-Sindku tkellem mal-

periti ta' Trasport Malta fejn infurmawh li ma humiex f'pożizzjoni li japprovaw tibdil minħabba n-nuqqas ta' sigurta` tat-traffiku.

Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill Lokali sabiex titieħed deċiżjoni jekk il-Kunsill Lokali jridx li titneħħa din it-tabella minħabba li l-Kunsill Lokali kontinwament irċieva diversi ilmenti. B'hekk ikun hemm bżonn li jsiru l-arraġamenti neċessarji sabiex il-vetturi li jkunu ġejjin mit-triq tal-ispiżerija jkunu jistgħu jduru lejn it-triq li tagħti għall-Esplora. Jekk il-Kunsill jħoss li għandu jneħħi din it-tabella għandhom jitwaħħlu tabelli u mezzi oħra tal-prekawzjoni billi titwaħħal mera, tibdil fil-linji tat-traffiku (tiġi linja maqtgħha) u eċċ. Spjega wkoll li r-responsabbilita` ta' din id-deċiżjoni ser tibqa' tal-Kunsill Lokali. Informa wkoll li huwa mportanti li li Transport Malta tkun aġġornata bis-sitwazzjoni ta' dan minn żmien għal żmien.

Is-Sur Bongailas, ssuġerixxa li jsiru *traffic lights* fejn l-ispiżerija l-antika u oħra ħdejn il-*Pump Room*.

Is-Sa Chircop talbet li ssir il-mera u ssir linja maqtgħha u jitwaħħlu t-tabelli neċessarji.

Is-Sindku ippropona wkoll li jitwaħħlu tabelli ta' *'caution while turning right'* u *'reduced speed now'*.

Il-Kunsill unimament qabel li jsir dan it-tibdil.

9.24.4.3 **L-iStage bl-isem 'Decelis'**

Qabel ma beda l-proġett tax-Xatt, l-*istage* bl-isem 'Decelis' kien imwaħħal ħdejn il-*Pet Shop* u kellu daħla fejn il-karozza tal-linja setgħet tidħol il-ġewwa mill-karreġjata. Issa li tlesta dan l-proġett, dan l-*istage* twaħħal aktar `il fuq mill-*Pet Shop*, il-karozza tal-linja qegħda tieqaf fuq il-karreġjata. Fl-opinjoni tal-Kunsill, dan jista' jkun qiegħed jinħoloq periklu għall-vetturi li jkun ħerġin `il barra mill-Kalkara minħabba l-fatt li ċertu vetturi ma jistennewx wara l-karozza tal-linja u jippruvaw jaqsmu fuq il-karreġjata opposta.

Wara ħafna konsiderazzjonijiet, il-Kunsill unanimament qabel li l-*istage* jibqa' fejn ġie mwaħħal l-aħħar.

**9.24.5 <u>Korrispondenza</u>**

9.24.5.1 **KKR/T/02/2023 – Kuntratt tal-Bulky Refuse & WEEE**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li wara li jiġu approvati l-Minuti tal-Laqgħa preċedenti, il-Kunsill Lokali ser jinforma l-Bord tal-Evalwazzjoni dwar il-parir legali mingħand l-avukat tal-Kunsill Lokali.

9.24.5.2 **Quarterly Report mill-1 ta' Jannar sa 31 ta' Marzu 2024**

Il-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lill-Kunsill Lokali l-Quarterly Report tal-ewwel trimestali u li ser tintbagħat kopja tiegħu lill-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

**9.24.6 Kommunikazzjoni mill-Kunsilliera**

Ma kienx hemm.

**9.24.7 Punti Ġenerali**

**Rampa Ħdejn il-Married Quarters**

Is-Sa Chircop resqet it-talba sabiex issir ħdejn waħda mill-binjiet tal-Married Quarters wara talba minn residenti għall-persuna b'diżabilita`. Is-Segretarju Eżekuttiv qiegħed jivverifika mal-entitajiet kkonċernati dwar il-permessi neċessarji.

**Seabin u t-Tabelli Relattivi**

Is-Sa Chircop talbet aġġornament dwar l-installazzjoni tas-seabin, u t-tabelli relattivi. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lis-Sa Chircop dwar il-proċedura nvoluti sabiex issir l-installazzjoni tiegħu flmikien ma' istima tal-ispiża għat-twaħħil tiegħu.

**Restawr tat-Tabelli Ġewwa l-Bajja tar-Rinella**

Is-Sa Bongailas talab li jiġu restawrati t-tabelli b'mod speċjali dawk tal-annimali ġewwa li l-bajja tar-Rinella.

**Ilmenti dwar it-Trasport Pubbilku**

Is-Sur Bongailas ressaq l-ilmenti dwar is-servizz tat-trasport pubbliku ħdejn Smart City u dak tax-Xatt li sal-lum għadhom ma ġewx riżolti.

**Traffic Calmer fi Triq is-Sienja**

Is-Sa Sultana resqet l-ilment *traffic calmer* fi Triq is-Sienja sabiex tineħħa minħabba l l-fatt li llum il-ġurnata din tinsab mkissra. Meta din ser titneħħa ser ikun hemm il-ħtieġa li jsiru tabelli biex il-vetturi li jgħaddu minn din it-triq joqgħodu aktar attenti fis-sewqan tagħhom.

Il-Kunsill unanimament qabel li din it-*traffic calmer* titneħħa u ma titwaħħalx oħra mill-ġdid.

**9.24.9 Mistoqsijiet lis-Sindku**

Ma kienx hemm.

**9.24.10 Mozzjonijiet**

Ma kienx hemm.

**8.24.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda tal-ħlas kienet intbagħtet permezz tal-imejl lil kull Kunsillier din il-ġimgħa biex kull Kunsillier ikollu ċ-ċans jivverifika qabel japprova l-istess pagamenti.

Fuq proposta tas-Sur Vincent Bongailas ssekondati mis-Sa Speranza Chircop, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti nkluż l-iskeda tal-pagamenti li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti.

**Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss**

Is-Sindku rringrazzja lill-Kunsilliera tar-rispett u l-koperazzjoni tagħhom tul dawn il-ħames snin. Huwa rringrazzja wkoll il-ħidma tas-Sa Elaine Caruana, is-Segretarju Eżekuttiv preċedenti u s-Sur Etienne Scicluna bħala Segretarju Eżekuttiv preżenti.

Is-seduta ntemmet fis-2.00pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 11 ta' Ġunju 2024, fis-2.30pm wara li is-Sur Bongailas ressaq riżoluzzjoni u ssekondata min Maria Sultana biex il-laqgħa b'urġenza tinżamm fis-2.30pm sabiex jiġu kkonfermati l-minuti tal-laqgħa numru 9.24. Il-kumplament tal-Kunsill qabel unamimament.

Konfermati, illum 11 ta' Ġunju 2024.

**Wayne Aquilina**
**Sindku**

**Etienne Scicluna**
**Segretarju Eżekuttiv**